MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 77/2011

Kawza fil-lista: 47

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-kontendenti zzewgu fit-8 t'Awwissu 1999; li minn dan iz-zwieg ma kienx hemm prole; li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg; illi ghalhekk iz-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti huwa null u invalidu fil-ligi; ghalhekk l-attrici qieghda titlob li din il-Qorti tiddikjara

null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fit-8 t'Awwissu 1999;

Rat li l-konvenut ipprezenta r-risposta guramentata tieghu fejn huwa qabel li z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet huwa null u bla effett izda dan minhabba ragunijiet imputabbli lill-attrici u mhux lilu u li ghalhekk huwa m'ghandux ibati spejjez ta' dawn il-proceduri.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavits ipprezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-8 t'Awwissu 1999, huwa null fil-ligi ai termini tal-artikolu 19(1)(d) tal-Kapitlu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Fatti**

Il-partijiet iltaqghu tramite hbieb komuni meta l-attrici kellha sbatax-il sena, filwaqt illi l-konvenut kellu tnejn u ghoxrin sena. L-attrici tispjega kif hija kienet tbati minn kumpless ta' inferjorita` u dana stante li ta' dik l-eta` hija kellha l-piz zejjed. Minkejja li kellha hafna hbieb maskili, qatt ma kienet f'relazzjoni ma' ragel. Hija xtaqet hafna li tkun bhal shabha u ghalhekk meta bdiet tohrog mal-konvenut hasset li hija setghet tipprova li hija bhal haddiehor minkejja l-piz zejjed taghha.

Inoltre l-attrici kellha ambjent xejn pjacevoli fid-dar tal-genituri taghha fejn missierha kien jerhilha jixrob ta' kuljum wara x-xoghol u d-dar kienet ferm ckejna. Fil-fatt, hija u ohtha kienu jorqdu fuq saqqu fis-salott u ma kellhomx kamra taghhom.

F’dan il-kuntest, minkejja d-differenza kbira fl-opinjonijiet taghha u tal-konvenut dwar il-hajja konjugali, xorta wahda ghaddiet biex tizzewgu u dana ghax hasbet li hadd iktar ma seta’ jaccettaha kif inhi u wkoll biex titlaq mid-dar tal-genituri taghha. Hija sahansitra telqet l-istudji taghha biex tfittex tizzewweg lill-konvenut.

Jirrizulta li min-naha tieghu il-konvenut kien tassew indifferenti lejn iz-zwieg mal-attrici. Huwa halla d-decizjonijiet u l-preparamenti taz-zwieg kollha f’idejha u kien jistqarr li kieku kellhom ihassru l-gherusija ghalih ma kienet ser taghmel l-ebda differenza. Izda ommu u hutu kienu ferm kuntenti b’din l-gharusa tieghu, cioe l-attrici, ghaliex kienet tifla serja u ghalhekk ma kellux raguni ghalfejn ma jibqax ghaddej biex jizzewweg.

M’hux kontestat li l-konvenut huwa ferm dedikat ghal xogholu ta’ panel beater u kemm fl-gherusija u wkoll fil-hajja mizzewga kien iqatta’ hafna hin fil-garaxx, anke sal-ghaxra ta’ fil-ghaxija. Meta xehed quddiem il-Qorti qal li huwa ma setax *“jittraskura xogholu”*. Ix-xoghol kien prijorita` ghalih anke meta finanzjarjament il-koppja kienet saret pjuttost stabbli. Bhala konsegwenza il-konvenut kien ihalli lill-attrici hinijiet twal wehidha u ghalhekk ir-relazzjoni taghhom fiz-zwieg ma setghetx tinbena u tissoda.

L-attrici ghaldaqstant kompliet bl-istudji taghha li kienet abbandonat qabel iz-zwieg u anke bdiet hbiberiji godda. Tilfet il-piz u ghalhekk regghet bniet il-kunfidenza fiha nnifisha. Waqt li tistudja bdiet tahdem ukoll part-time bhala waitress u tidhol id-dar tard bil-lejl. Ghalhekk bejn l-istudju u x-xoghol taghha, hija wkoll ma kellhiex il-hin biex tiffoka fuq il-hajja konjugali taghha ma’ C.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Dan kollu premess, il-Qorti hija tal-fehma li l-partijiet it-tnejn fil-mument tal-ghoti tal-kunsens taz-zwieg ma fehmux il-portata ta’ dak il-kunsens u t-tifsira vera tal-hajja konjugali. Jirrizulta ghaldaqstant minnu li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, fit-termini tal-paragrafu (d) ta' l-artikolu precitat, u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntratatt bejn il-partijiet fit-8 t'Awwissu 1999.

L-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------